# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 590/2012**

Il-Pulizija

(Spettur James Grech)

vs

**Carmelo Vella**

iben Alfred, imwieled Pieta', fit-13 ta' Gunju, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 319064(M)

Illum, 27 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-3 ta' Marzu, 2010, ghal habta tas-1745hrs, fil-Belt Valletta:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Gaetano Mercieca, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M, f'periklu car, hebb ghall-istess Gaetano Mercieca, persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, u kkagunalu offizi hfief kif iccertifikat minn Dr B Flores Martin MD

mic-Centru tas-Sahha Floriana, u dan bi ksur tal-artikolu 221 u 22A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Gaetano Mercieca, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M, u Rebecca Maria Gatt, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 335682M, weggaghhom bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu, u dan bi ksur tal-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkotanzi, hebb kontra Gaetano Mercieca, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M, biex jingurjah jew idejqu u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil Gaetano Mercieca, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M, u lil Rebecca Maria Gatt, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 335682M, b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D., fil-25 ta' Jannar, 2009 f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan

taht garanzija personali ta' €1,500 u depozitu ta' €1,165 fost kundizzjonijiet ohrajn, kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Talli kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D., fis-26 ta' Ottubru, 2009, f'dan li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht garanzija personali ta' €5,000 u depozitu ta' €500 fost kundizzjonijiet ohra, kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Talli kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D., fl-20 ta' Jannar, 2010, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht garanzija personali ta' €20,000 u depozitu ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221, 222A, 252(1), 338, 339, 50, u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati. Rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' disa'(9) xhur u ghall-konfiska tad-depoziti kollha u garanziji kif rizultanti mid-digrieti ezebiti, cioe' ghas-somom ta' skont Dok JG3 ghad-depozitu ta' €500 u garanzija ta' €5,000; Dok JG4 ghad-depozitu ta' €5,000 u garanzija ta' €20,000; u fil-konfront ta' Dok JG2 biss fil-konfront tal-garanzija fl-ammont ta' €1,500 in vista' li l-varjazzjoni tad-depozitu skont digriet tal-Qorti Kriminali qatt ma giet lilha ezebita.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo Vella pprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati l-akkuzi lilu addebiti u tirrformaha billi tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fi stadju bikri tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-esponent irregistra ammissjoni ghall-akkuzi lilu addebiti.

Illi fuq talba tad-difiza l-ewwel Onorabbli Qorti innominat probation officer sabiex jirredigi pre-sentencing report li minkejja r-rakkomandazzjoni ta' piena karcerarja effettiva, tefa' dawl fuq iz-zmien turbulenti li l-appellant kien ghaddej minnu.

Illi ghandu jigi sottomess illi l-esponent irregola ruhu ma' l-ewwel opportunita' li kellu quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Illi jigi rilevat illi l-esponent fiz-zmien ta' l-incident kien ghaddej minn zmien difficli fejn kien qed jissepara minn ma' martu li hallietlu liz-zewg uliedu mieghu u in oltre kien ghadu kif spicca bla xoghol. Illi indipendentement mill-karattru tal-persuna, huwa car illi n-natura umana, taht l-istress tat-tkissir tal-familja oltre it-telfien tax-xoghol, taf tikrolla u wiehed jispicca jidhol f'incidenti sfortunati li sforz tat-tensjoni li jkun ghaddej minnha jispicca jagixxi b'mod illi f'cirkostanzi trankwilli zgur illi ma jirrikorix ghal tali agir.

Illi l-esponent jikkontendi li l-piena nflitta ta' disa' xhur prigunerija hija fil-parametri tal-ligi izda ghal missier illi qed irabbi wahdu lil zewg uliedu, zgur illi tali piena ser tkompli taghrraq is-sitwazzjoni gia mgharrqa ta' l-esponent u iz-zewg uliedu.

Illi kwantu ghal konfiska tad-depoziti u garanziji kollha li jammontaw ghal EUR 32,000, l-esponent jikkotendi li huwa spicca tkecca mix-xoghol tieghu mal-General Workers Union u ghadu sa llum hekk dizokkupat, illi huwa zgur ma ghandux il-finanzi sabiex ihallas dawn is-somom ezorbitanti, kemm ghaliex huwa dizokkupat u anke ghaliex spicca mghobbi bil-piz ta' zewg ulied illi jiddependu kompletament minnu.

Illi l-esponent kellu problemi li jemergu mit-tkissir tal-familja tieghu li ftit taw lok ghall-gwida necessarja sabiex jistrada ruhu kif imiss f'cirkostanzi difficli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss appell mill-piena erogata mill-ewwel. Qorti. Kif qal ben tajjeb l-appellant hu kien irregistra ammissjoni bikrija. Fuq dan il-fatt ghandu jigi rilevat li fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2012 il-partijiet kienu qablu li l-piena li kellha tigi erogata mill-ewwel Qorti kellha tkun wahda ta' tnax il-xahar prigunerija effettiva. L-ewwel Qorti mhux talli ma qablitx mal-partijiet talli erogata piena ta' disa' xhur prigunerija - tlett xhur anqas minn dak miftiehem mill-partijiet.

Illi aggravju iehor tal-appellant jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi, tenut kont l-ammissjoni ta' l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Carmelo Vella u tikkonferma s-sentenza appellata.